# ħajja Salesjana

NOVEMBRU DIĊEMBRU 2009

il-211 Ħarġa



## Jiena nista' ngħix fil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu

## The Packing Mistake

## Vendetta ta' Ġurdien

SALESIANS DON BOSCO

*Fl-1877, Dun Bosco beda jippubblika "Il Bibliofilo Cattolico". Wara sentejn, semmih - Bollettino Salesiano". Kien joħorġhu bi ħsieb li jgħaqqad lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-ħidma Salesjana fid-dinja kollha, billi jwasslilhom tagħrif fuq il-ħajja tal-Kongregazzjoni Salesjana. Tagħlim siewi għall-ħajja Nisranija. Insibuh imxerred mad-dinja kif iddur, mitbugħ f'aktar minn għoxrin ilsien ewlieni ... fosthom il-Malti wkoll fiċ-ċokon tiegħu. F'sena jitqassmu 'l fuq minn għaxar miljun kopja. Hawn Malta joħroġ taħt l-isem 'ħajja Salesjana' u kull xahrejn, barra x-xhur tas-sajf – Lulju, u Awissu. Jitqassam b'xejn lil kull min jitolbu. Għalhekk wieħed jista' jikteb lill-Editur:*

*Ħajja Salesjana*
*c/o St. Patrick's School, Triq San Ġwann Bosco,*
*Sliema SLM 1925, Malta.*
*Tel: 2133 0238  e-mail: joecini@onvol.net*

**Jieħu ħsieb** Fr. Joe Cini SDB

**Bord Editorjali** Fr. Paul Formosa SDB
Margaret Buhagiar
Andre' Camilleri
Josie Grech

**Jgħinuh ukoll** Fr. Charles Cini SDB
Eileen Alden
Joyce Scicluna
Joe M. Busuttil

Ħajr minn qalbna lill-ħbieb tagħna li jibagħtu xi ħaġa tal-flus għan-nefqa biex il-Ħajja Salesjana jista' jintbagħat b'xejn lil

- Dawk li mqar bit-talb tagħhom jgħinu fil-ħidma Salesjana
- Dawk li jgħinu l-vokazzjonijiet għall-ħajja Reliġjuża Salesjana

*Infakkru lill-qarrejja tagħna li l-ħidma Salesjana Maltija tinfirex ukoll fl-Afrika ta' fuq, fit-Tuneżija.*

**Fuqiex se naqraw**

| | |
|---|---|
| Il-Bullettin Salesjan | 3 |
| Pedagoġija Salesjana | 5 |
| Calendar of Events | 7 |
| Jiena nista' ngħix fil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu | 8 |
| Il-Kamp Annwali tas-Sajf tas-Salesian Brigade | 10 |
| Crimes 10 | 12 |
| Course in Salesian Spirituality for the Maltese Salesian Family | 15 |
| The Packing Mistake | 16 |
| Something to think about... | 18 |
| Grupp Ġdid ta' Kooperaturi f'Savio College | 20 |
| Vendetta ta' Ġurdien | 22 |
| Mulej, Int Sejjaħtli... | 24 |
| Iħallina Pawlu Vella 1943-2009 | 26 |
| Il-Beatu Filippu Rinaldi (1856-1931) | 27 |
| The Life of St. Paul (5) | 28 |
| Il-Kawża għall-Beatifikazzjoni ta' Dun Giuseppe Quadrio | 30 |
| Fr. Fabio's visit in England | 31 |
| Could God be calling Me? | 32 |
| Evangelisation boom in Korean Church | 34 |

Designed & Printed by Salesian Press

***Front Cover: Is-siġra tal-Familja Salesjana, is-Siġra tal-Milied, mhux mingħajr Ġesù.***

# Il-Bullettin Salesjan

## Barkiet tas-Sema Matul is-Sena

F'Jannar li għadda kont għedtilkom kif ir-Rettur Maġġur tagħna kien sejjaħ din is-sena 2009, li kienet qiegħda tibda, bħala 'sena ta' grazzja għall-Familja Salesjana'. Din hija s-sena li matulha qegħdin infakkru l-150 anniversarju mit-twaqqif tal-Kongregazzjoni Salesjana. Għad baqgħalna okkażjoni oħra li fiha niċċelebraw dan l-avveniment; din hija t-18 ta' Diċembru, il-jum li fih infakkru kif, 100 sena ilu, kienet saret il-laqgħa formali ta' l-ewwel membri ma' Dun Bosco. Għalhekk, nhar it-18 ta' Diċembru ta' dis-sena, is-Salesjani madwar id-dinja sejrin iġeddu l-professjoni reliġjuża tagħhom, bħala turija ta' fedeltà lejn is-sejħa Salesjana u ta' għaqda bejniethom ilkoll. Dan ikun jum ta' grazzja ta' Alla.




Din is-sena kienet wkoll 'sena ta' grazzja' għall-Familja Salesjana f'Malta u Għawdex għaliex kellna 2 okkażjonijiet ta' professjoni. L-ewwel il-professjoni (8 ta' Settembru) kienet tan-novizz Kenneth Micallef li għadu kemm reġa' lura Malta wara sena ta' novizzjat ġewwa Turin u issa ġie jkompli l-istudji tiegħu. It-tieni professjoni kienet dik ta' Bros. Jeremy Vella u Gerald Mangion (11 ta' Settembru) li għamlu professjoni għal dejjem qabel ma jmorru jkomplu l-istudji tat-teoloġija li twassalhom għad-Djakonat u s-saċerdozju (ara artiklu ġewwa). Dawn ukoll kienu mumenti ta' grazzja.

Waqt li qiegħed nitkellem fuq il-grazzja ta' Alla, ma rridx ninsa nsemmi mument ieħor ta' grazzja li kienet iż-żjara qasira imma sinifikanti tal-Vigarju tar-Rettur Maġġur, ir-Rev. Dun Adriano Bregolin, akkumpanjat minn Dun. Fabio Attard. L-okkażjoni kienet it-twaqqif uffiċjali tal-grupp ta' Salesjani Koperaturi ta' Savio College. Il-mixja spiritwali li għamlu dawn il-Koperaturi ġodda wasslithom mimlijin ħeġġa u grazzja għal dak il jum tal-'Wegħda' tagħhom (ara artiklu ġewwa).

Għalina l-Maltin kollha kemm aħna, din kienet 'sena ta' grazzja' għaliex, wara li mal-Knisja kollha fakkarna l-2000 anniversarju tat-twelid ta' San Pawl, issa smajna li sejrin ikollna x-xorti li nilqgħu fostna lill- Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI. Bħall-Papa ta' qablu huwa jġibilna barka u entużjażmu sabiex inkomplu ngħixu l-fidi tagħna. Lilna s-Salesjani jfakkarna fir-rispett u l-għożża li fihom Dun Bosco kien iżomm lis-Suċċessur ta' Pietru.

Għeżież qarrejja ta' ħajja Salesjana, ejjew nieħdu sehem spiritwalment f'dan il-moviment ta' qdusija li Dun Bosco, ir-Rettur Maġġur u s-Salesjani qegħdin joffrulna. Nilqgħu l-grazzja ta' Alla, speċjalment fil-jiem ta' festi li ġejjin fl-istaġun tal-Milied u nimtlew b'entużjażmu qaddis.

Nixtiqilkom ilkoll il-Festi t-Tajba.

Fr. Joe

# The Salesian Bulletin

## Blessings from Heaven during the Year

Last January I had told you that our Rector Major had called this year 2009, which had just started, 'a year of grace for the Salesian Family'. During this year we have been celebrating the 150 anniversary of the founding of the Salesian Congregation. We still have one more day to celebrate this event; this is the 18th December, the day when we recall the first formal meeting of the first members with Don Bosco. Thus, on that day, all Salesians around the world will renew their religious vows, as a sign of fidelity to their Salesian calling and of union amongst them. This will be a day of grace of God.




This year can be considered a year of grace also for the Salesian Family in Malta and Gozo because we have had 2 religious professions. The first (8th September) was of the novice Kenneth Micallef, who just returned to Malta from Turin to further his studies over here. The second profession was that of Brothers Jeremy Vella and Gerald Mangion (11th September), who pronounced their perpetual profession. They will be leaving for Italy to complete their theological studies leading to the priesthood. These were occasions of grace. (See article inside)

Since I am writing about the Grace of God for us, I must not forget to mention another event of grace: this was the brief but very significant visit of the Vicar of the Rector Major, Rev. Fr. Adriano Bregolin, accompanied by Fr. Fabio Attard. The occasion of his visit, in May, was the beginning of the new group of Salesian Cooperators at Savio College. The spiritual pathway followed by these new Cooperators led them, full of enthusiasm and zeal, to the day of their 'Promise'. (See article inside)

This year, again, was a year of grace for us Maltese, because, after commemorating the 2000th anniversary of the birth of St. Paul together with whole catholic Church, we hear now the happy news of the coming visit of H.H. Pope Benedict XVI. Like the Pope before him, he also will bring us blessings and enthusiasm so we can continue living our faith with conviction. As Salesians, we are reminded of the great respect and affection that Don Bosco had for the Successor of Peter.

Dear Readers of ħajja Salesjana, let us spiritually take advantage of this holy time that Don Bosco, our Rector Major and the Salesians are offering us. Let us open to the grace of God, especially in the coming Festive Season of Christmas.

I wish you all a Happy Christmas Time.

Fr. Joe



# Pedagoġija Salesjana

**Kummenti fuq li 'Strenna 2009': "Moviment Kbir Favur iż-Żgħar"**

***Minn Pascual Chavez – Trad. Joe Cini***

# Id-Drittijiet tal-Bniedem

***Dun Bosco ma setax jitkellem fuq drittijiet tal-bniedem li jirrigwardaw iż-żgħar u ż-żgħażagħ (il-kunċett ġuridiku ma kienx għadu jeżisti); imma huwa kien diġà beda jwettaq bosta mill-aspetti li llum jitqisu bħala sisien ta' dawn id-drittijiet.***

Għeżież qarrejja u ħbieb, aħna werrieta u nħaddnu kariżma edukattiva li tippromwovi l-kultura tal-ħajja u l-bidla ta' l-istrutturi. Għaldaqstant għandna d-dover li nħaddmu d-drittijiet tal-bniedem. L-istorja tal-Familja Salesjana u l-mod kif infirxet anki f'kulturi u reliġjonijiet għal kollox diversi minn dawk li fihom twieldet, hija prova li s-sistema ta' Dun Bosco hija triq sgura fl-edukazzjoni. "Ħudu ħsieb speċjalment il-morda, iż-żgħar, ix-xjuħ u l-foqra u hekk tirbħu l-barka ta' Alla u r-rieda tajba tal-bnedmin," kien il-kliem ta' Dun Bosco lill-missjunarji. Sensibbli għax-xewqa tiegħu inkomplu nedukaw, speċjalment liż-żgħar, fid-drittijiet tal-bniedem; għaliex meta nitkellmu fuq drittijiet umani, nistgħu

nifthu djalogu ma' kulturi l-aktar diversi u naqsmu magħhom l-istil ta' edukazzjoni tagħna s-Salesjani.

## Drittijiet u Dinjità

Id-Drittijiet tal-Bniedem huma ta' kull individwu, inkwantu bniedem; ma jiddependux mir-razza, reliġjon, ilsien, pajjiż, età jew sess. Huma universali, mingħajr ma jistgħu jiġu mċaħħda jew mibdula – imma dejjem jiġġeddu. Id-drittijiet ċivili u politiċi li bdew mar-Rivoluzzjoni Franċiża (1789), ħarġu mill-fatt li numru ta' libertajiet fundamentali kienu mċaħħda lill-biċċa l-kbira tal-poplu: id-dritt għall-ħajja, għall-attività politika, għas-sigurtà, għal-libertà tal-ħsieb, tar-reliġjon, ta' l-espressjoni u ta' l-assoċjazzjoni. Imbagħad, id-Drittijiet ta' l-Ekonomija, tal-Ħajja Soċjali u tal-Kultura twaqqfu mill-Universal Declaration of 1948: dritt għall-edukazzjoni, għax-xogħol, għad-dar, għas-saħħa, għar-rieda personali ħielsa, għall-paċi, għall-iżvilupp, għall-kontrol tar-riżorsi naturali u l-ħarsien ta' l-ambjent.

Issa, dawn kollha, huwa dmirna li nirrispettawhom. Sfortunatament, huma jiġu miksura ta' kuljum, u ma hemmx mod jew manjiera kif dan jista' jitwaqqaf. Imma anke f'dis-sitwazzjoni, aħna rridu naħdmu sabiex id-dinjità ta' l-individwu tkun dejjem rispettata. Il-Knisja tiddikjara li l-interpretazzjoni korretta u l-ħarsien effikaċi



tad-drittijiet tal-bniedem, jiddependu fuq kif wieħed iħares lejn l-umanità mill-aspetti kollha li jiffurmaw in-natura tal-bniedem.

## Is-Salesjani u d-Drittijiet taż-Żgħar

Kull tifel u tifla jeħtieġu jkunu edukati f'kull aspett tal-ħajja. Dan irid isir ukoll bil-mod kif in-Nisrani jħares lejn il-persuna. Din it-tip ta' edukazzjoni hija espressjoni ta' impenn lejn soċjetà li dejjem tinbidel, u għandha għan ambizzjuż, li huwa li ma jibqax min hu mwarrab mis-soċjetà. Is-sitwazzjoni dinjija, f'dan l-aspett, għadha mwiegħra: għad hemm bosta u bosta tfal u żgħażagħ fil-periklu. Għall-familja umana, l-għajta tagħhom tibqa' ma tinstemax; għas-soċjetà leħinhom jibqa' piż fuq il-kuxjenza. Waqt li fid-dinja hemm sforz sabiex l-ekonomija tiġi globalizzata, ma hemmx sforz simili sabiex id-dinjità ta' kull bniedem tinġieb 'il quddiem. Tfal suldati, tfal tat-triq, abbużati, skjavi, ħabsin, bla skola, bla familja, abbandunati, imġewħa...din hija l-isfida li, fuq il-kuxjenza, ilkoll irridu naffrontaw.

Is-Salesjani huma maż-żgħar, għaliex bħal Dun Bosco għandhom fiduċja fihom, fix-xewqa tagħhom li jistudjaw, li joħorġu mill-faqar, li jfasslu l-futur tagħhom. Is-Salesjani jemmnu fil-valur ta' l-individwu, li dinja diversa hija possibli, u fuq kollox fil-valur kbir ta' l-edukazzjoni. Is-Salesjani jinvestu fiż-żgħażagħ u mad-dinja kollha huma impenjati fl-edukazzjoni sabiex iħejju ġejjieni pożittiv għad-dinja kollha. Huma jippruvaw imexxu liż-żgħażagħ sabiex jgħixu is-sejħa tagħhom ta' wlied Alla. U dan huwa fost l-akbar kontributi li s-sistema edukattiva Salesjana tagħti lit-tfal u ż-żgħażagħ, meta tipprova tagħmilhom ċittadini onesti u nsara tajbin: bennejja ta' soċjetà umana, individwi attivi u responsabbli, li jagħrfu d-dinjità tagħhom, miftuħa lejn l-ispirtu, lejn l-oħrajn u lejn Alla.

# CALENDAR *of Events*

CALENDAR OF SALESIAN FEASTS & EVENTS

**NOV**

| | | |
|---|---|---|
| | 2 – 3 | Mid-Term Holidays for schools |
| Wed | 4 | Sliema Salesian Cooperators' Meeting at St. Patrick's. |
| Fri | 6 | **Bl. Joseph Calasanz and 93 companions** (Martyrs of the Spanish Civil War). Parents' Day form 5 at Savio College |
| Tue | 10 | Prayer Day for Salesian Missions. Delegation Council's meeting |
| | 14 – 15 | Thriller by Atturi Salesjani at Salesian Theatre, Sliema |
| Sun | 15 | **Bl. Maddalena Morano FMA** |
| Tue | 17 | Meeting for Savio College Salesian Cooperators |
| Sat | 21 | Symposium for the Salesian Family at Salesian Theatre, Sliema. |
| Tue | 14 | Commemoration of Mary Help of Christians at St. Patrick's: 6.30 p.m. |
| Mon | 20 | World Children's Day. Cultural tours for St. Patrick's School. |
| Wed | 25 | Commemoration of Mamma Margherita. One day trip to Catania by St. Patrick's Past Pupils |
| | 27 – 29 | Salesian youth Centre 'BOSCOcrew' live-in workshop |
| Sun | 29 | 1st Sunday of Advent. Sale of Poinsettias at St. Patrick's. |

**DEC**

| | | |
|---|---|---|
| Tue | 1 | Delegation Council's meeting |
| Wed | 2 | Sliema Salesian Cooperators' Meeting at St. Patrick's. |
| Fri | 4 | First Friday Devotions at St. Patrick's Church (6.15 p.m.) |
| Sat | 5 | **Bl. Philip Rinaldi,** 2nd successor of Don Bosco |
| Mon | 7 | 'Akkademja' in honour of Our Lady at Savio College. ½ day school |
| Tue | 8 | **Immaculate Conception of Mary.** Public Holiday |
| Thu | 10 | Prayer Day for Salesian Missions |
| Sat | 12 | **Annual Christmas Concert at St. Patrick's Church (7.30 p.m.)** |
| | 12 – 13 | 'Dominic Savio' the musical - at Salesian Theatre Hall, Sliema. |
| Sun | 13 | Oratory Past Pupils Xmas lunch |
| | 15 – 18 | Christmas activities at St. Patrick's School |
| Thu | 17 | Christmas Novena at Salesian Oratory, Sliema |
| Sat | 19 | Course in Salesian Spirituality, Lecture 3 |
| Mon | 21 | Xmas Parties. End of 1st Term at Savio College |
| Thu | 31 | Te Deum Mass at St. Patrick's (6.30 p.m.) New Year's Eve Disco Party at Salesian Oratory, Sliema |

**JANUARY 2010**

| | | |
|---|---|---|
| Fri | 1 | **Our Lady, Mother of God.** World Day of Peace |
| Tue | 5 | Beginning of 2nd Term of school. |
| Wed | 6 | Sliema Salesian Cooperators' Meeting at St. Patrick's. |
| Thu | 7 | 2nd Term at Savio College |
| Sun | 10 | Prayer Day for Salesian Missions |
| Sat | 16 | Course in Salesian Spirituality 4 |

For any other info about the Salesians: **www.sdb.org / www.youtube.com/user/ANSchannel**

Salesians in Malta: **www.salesiansmalta.org** / **www.salesiantheatremalta.com**

**www.saviocollege.edu.mt** / **www.spysmalta.org/spysint** / **www.stpatrickspastpupils.org**

# Jiena nista' ngħix fil-qawwa ta' l-*Ispirtu s-Santu*

**David Came**

***Fit-tħabbira tal-Mulej, Immanuel, "Alla Magħna", jitnissel fil-ġuf tal-Verġni Marija bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Filwaqt li fiċ-ċentru tax-xena qiegħda sseħħ l-Inkarnazzjoni, isseħħ ukoll xi ħaġa oħra li hi għal kollox unika: kreatura umana tingħata l-milja tal-qawwa mill-Ispirtu s-Santu sabiex hija tgħix għal Alla.***

## Marija: Il-mudell tagħna

Dik il-kreatura umana u umli hi Marija, meta hi tagħti l-kunsens tagħha sabiex tkun l-Omm ta' l-istess Iben t'Alla. U għalina hi l-mudell tal-fidi. Dan ifisser li jekk aħna nimxu fuq l-eżempju tagħha, aħna wkoll inkunu nistgħu ngħixu fil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Fit-tħabbira tal-Mulej hija turina kif għandna ngħidu "iva" lil Alla, ninsew il-pjanijiet tagħna stess, u niftħu qalbna beraħ għall-Ispirtu. Iċ-ċavetta sabiex aħna nibqgħu magħqudin ma' l-Ispirtu bħala l-enerġija spiritwali tagħna, hi li kuljum nintelqu għal kollox f'idejh u ngħożżu fi qlubna s-sinjali meraviljużi ta' l-imħabba u l-attenzjoni tiegħu. Imbagħad, bħal Marija aħna nkunu nistgħu ngħixu l-ġurnata tagħna fi spirtu ta' tifħir, talb u radd il-ħajr lil Alla, filwaqt li nagħtu servizz lilu u lill-oħrajn.

Issa din għalija hija aħbar tajba. Ta' spiss jiġrili li nsib lili nnifsi maqtugħ mill-Ispirtu matul il-ġurnata tiegħi. B'mod speċjali nħossni li ma nistax inkompli għax nitfixkel meta l-affarijiet ma jaħdmux skond kif inkun ippjanajthom jiena.

## Il-bżonn li nibqgħu fil-kontroll

Naħseb li naf x'inhi r-raġuni. Niddependi żżejjed mill-pjanijiet tiegħi. Hija ħaġa tipika li nibqa' naħseb fuq ix-xogħol li jkolli quddiemi għax ikolli f'moħħi kemm ħin għandi għad-dispożizzjoni tiegħi. B'hekk ma nkunx miftuħ għall-gwida ta' l-Ispirtu s-Santu u għall-għajnuna li nista' nirċievi mingħand persuni oħrajn.

Dan hu li jfisser meta jiena nipprova nżomm ir-riedni f'idejja meta l-ħajja ssir diffiċli, u spiss jiġri li nitlef il-battalja. Dawk li suppost jgħinuni fuq ix-xogħol jimirdu; xi kultant insibha diffiċli li nikteb jew neditja xi artikli partikulari; id-dar, marti u wliedi jimirdu, jew xi ħadd minn uliedi jistieden xi ħabib, u d-dar titqalleb kollha kemm hi. Dik hi l-ħajja! Li għandi bżonn hu li nċedi ħajti f'idejn Alla u minflok il-pjanijiet tiegħi nimxi fuq il-pjanijiet Tiegħu. Imbagħad inkun nista' nibda ngħix fil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu għalkemm imdawwar bit-toqol tal-ħajja.

## Fiduċja biss

Marija wrietna kif għandna nagħmlu dan meta hija qalet "iva" lil Mulej. Hija laqgħet il-pjan Tiegħu minflok dak tagħha. Naħseb li żgur stagħġbet x'kien se jaħseb Ġużeppi dwar dan it-tnissil mirakoluż. Allura, li kieku Ġużeppi jissosspetta li hi ma baqgħetx fidila lejh u jiddeċiedi li jiddivorzjaha pubblikament, setgħet tiġi akkużata b'adulterju u wkoll tiġi mħaġġra. Issa aħna nafu mill-Evanġelju ta' San Mattew li Ġużeppi ddeċieda li jibgħat lil Marija bil-kwiet, imma mbagħad jeħodha b'martu meta l-anġlu jurih il-verità dwar din it-tarbija speċjali. (Mt 1: 18-25). Marija dan

għadha ma tafux; imma xorta waħda hija, bla ebda kundizzjoni, tafda r-rieda tagħha f'idejn Alla. U fil-waqt li tagħmel dan, hija tpoġġi fil-ġenb il-pjanijiet li kellha għal ħajja miżżewġa rispettabli f'Nażaret.

## Lezzjoni lebsa

Għandkom tkunu tafu li daqs tliet snin ilu, jiena u marti kważi tlifna t-tifel tagħna. Mattew, qabduh attakki qawwija ta' puplesija, u f'dik is-sitwazzjoni kien diffiċli ħafna għalija li nafda fil-Mulej. Kien għad għandu biss ħames snin. L-attakki qawwija ta' puplesija bdew f'daqqa waħda, u kellna mmorru niġru b'Mattew l-isptar bl-ambulanza. L-isptar qabadni paniku ġewwa fija: f'daqqa waħda rrealiżżajt li kulma stajt nagħmel kien li ngħajjat lil Alla u nitolbu jkollu ħniena minn ibni. Jiena ma stajt nagħmel xejn. Kollox kien f'idejn Alla. Meta sa fl-aħħar jiena poġġejt il-ħajja ta' ibni f'idejn Alla, kelli tip ta' esperjenza spiritwali.

Fit-tieni ġurnata li Mattew għamel fis-sala tal-kura intensiva, sa fl-aħħar wasalt fil-punt li stajt nafda l-ħajja ta' ibni għal kollox f'idejn il-Mulej. F'dak il-punt ħassejt ġewwa fija ċerta paċi u ħassejt l-Ispirtu s-Santu jsejjaħli biex bis-sempliċità noqgħod nitlob għal ibni filwaqt li kont maġenbu.

Fortunatament il-kundizzjoni tiegħu ġiet għall-aħjar b'mod drammatiku wara jumejn. Imma jien iddeċidejt li nibqa' miegħu lejl u nhar matul il-ġimgħa kollha li għamel l-isptar, ħlief lejl wieħed meta serrħitni marti.

Jiena u marti nirringrazzjaw lil Alla li t-tifel tagħna issa jidher li m'għadux fil-periklu u ilu 18-il xahar ma jieħu l-mediċina kontra l-attakki tal-puplesija. Jiena wkoll grat lejn Alla li tani lezzjoni prezzjuża ferm f'dak iż-żmien li jiena qattajt ma' ibni; għax jiena skoprejt li kulma stajt nagħmel fl-isptar kien li nkun hemm għal ibni – biex nitkellem u nilgħab miegħu x'ħin ikun mqajjem, filwaqt li kont nistrieħ fuq sodda maġenb tiegħu x'ħin kien ikun rieqed.

## Qalb mimlija tifħir u gratitudni

Issa filwaqt li jiena nerġa' noqgħod naħseb fuq dak iż-żmien, nirrealizza li l-ħaġa verament importanti kienet li jiena nkun hemm għal uliedi bħala missierhom filwaqt li nagħti radd il-ħajr u tifħir lil Alla għal kull wieħed u waħda minnhom. Meta nagħmel dan insir iktar konxju tal-bżonnijiet tagħhom u nieħu iktar paċenzja bihom. Dan huwa l-mod kif il-Madonna għexet fil-qawwa ta' l-Ispirtu. U dan kien ifisser li hi kienet f'kuntatt kontinwu ma' l-Ispirtu u attenta sabiex isservi l-bżonnijiet ta' l-oħrajn f'kull mument.

Aħsbu kif, preċiż wara t-tħabbira tal-Mulej, Marija tmur tħaffef biex taqdi lil kuġinitha Eliżabetta, li kienet tqila bi Ġwanni l-Battista. Marija m'hix qed taħseb fiha nnifisha u x'se jiġri mit-tqala mirakoluża tagħha. Il-premura tagħha hija għal Eliżabetta, li nisslet fi xjuħitha u kien se jkollha bżonn l-għajnuna biex tħejji għat-tarbija (Lq 1, 39-56).

## Bil-qawwa sabiex taqdi

Kemm fid-dwejjaq kif ukoll fil-ferħ tal-ħajja, din id-dispożizzjoni ġewwa l-qalb għenet lil Madonna tibqa' magħquda ma' l-Ispirtu bħala dak li jagħtiha l-qawwa sabiex tibqa' dejjem fidila lejn is-sejħa tagħha. Hija tinsab hemm mgħobbija bid-dwejjaq taħt is-salib, taħseb, titlob u tħobb. Hija tinsab ukoll flimkien mad-dixxipli ta' Binha meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuqhom bil-qawwa f'Għid il-Ħamsin, mimlija b'ferħ kbir meta twieldet il-Knisja.

Il-lezzjoni għalija u għalik hija ċara: aħna msejħin kuljum sabiex ngħidu "iva" lill-Ispirtu s-Santu. Imbagħad, aħna nistgħu nibqgħu magħqudin ma' l-Ispirtu meta nfaħħru u nirringrazzjaw lill-Mulej għall-ħwejjeġ meraviljużi li Hu jagħmel f'ħajjitna. Ukoll fit-tgerfix tal-ħajja aħna nistgħu nibqgħu fidili għas-sejħa tagħna, bil-qawwa ta' l-Ispirtu sabiex naqdu lil Mulej u lill-oħrajn.

# Il-Kamp Annwali tas-Sajf tas-Salesian Brigade

*Joe Camilleri*
*Lieutenant SB*

***'Work hard, play hard' kienet it-tema tal-kamp annwali tas-sajf li s-Salesian Brigade (magħrufa wkoll bl-isem ta' qabel Salesian Boys' and Girls' Brigade) organizzat bejn id-9 u s-16 ta' Awwissu 2009. Madwar 22 camper u 16-il helper li jinkludu uffiċjali u leaders tal-Brigade qattgħu ġimgħa sabiħa flimkien fi spirtu Salesjan. Taħt it-tmexxija ta' Joe Camilleri u Leonard Falzon u l-preżenza taċ-Chaplain Fr.Eric Cachia SDB, il-campers kollha kellhom esperjenza unika ta' camping, fost entużjażmu kbir u kompetittivita' li nħolqot mit-tliett teams parteċipanti.***

Il-campers kellhom programm imballat b'attivitajiet diversi bħal-logħob ta' kull tip, mixjiet bil-lejl u *nature trail*, quddies, ħarġiet bil-private, għawm, sajd u snorkelling, quiz, istruzzjonijiet mill-Malta Red Cross fuq l-ambulanzi tagħhom, *fire drill, wide games, treasure hunt, u campfire.*

**Ir-rutina ta' kuljum** tal-kamp kienet perfetta. Bir-rise and shine filgħodu kmieni, keep-fit exercises, fall-in u tlugħ tal-bandiera Maltija u tal-Brigades bil-bugles u talb, kolazzjon u tindif wara kull ikla. Kull team irid ikun duty jiddependi mill-ħin tal-ġurnata. Id-duty saħansitra tiżgura li anke t-toilets u x-showers ikunu nodfa. Kull team ikollu l-punti fuq id-duties, logħob kompetittiv u inspection tat-tinda. Dawn il-punti jingħaddu fl-aħħar biex ikun hemm team rebbieħ li jingħata premju. L-inspection tinvolvi spezzjoni tat-tinda in ġenerali, il-madwar tagħha u l-basket/haversack ta' kull



camper. Kull team kellu leader u convenor li jara li kollox imur sew. Kien hemm uffiċjali ukoll li jaraw li kull ma jinħtieg rigward issues tat-tfajliet u issues tal-ġuvintur jiġu ttrattat separatament. Wara l-ikla ta' nofsinhar, jerga' jkun hemm duties u wara mistrieħ. Fl-għaxija ikun hemm ix-showers, flag down u talba bil-fall-in u l-bugles, u wara BBQ bid-duty wkoll.

Waqt il-kamp ikun hemm attivita' sħiħa li tibda minn kmieni filgħodu, bil-master cook tipprepara l-kolazzjon u l-ikla ta' nofsinhar. Din tkun mgħejuna minn assistenta u grupp ta' helpers li jaraw li kollox imur sew fil-preparamenti u tqassim ta' l-ikel. Leaders oħra ikunu qed jippreparaw l-attivitajiet tal-ġurnata waqt li oħrajn jaraw li jsir ix-xiri ta' kuljum.

B'kollox ittellgħu 7 tined tat-tip Icelandic, ridge tent, dining shelter, u 5 tined oħra tal-helpers u l-familji tagħhom. Il-faċilitajiet tal-campsite tal-iScouts kienu utli bl-użu ta' kamra store, kċina, toilets u showers, campsite kbira, amfiteatru u parkeġġ.

Is-saħħa u sigurtà tat-tfal hija importanti,

għalhekk kull camper kellu jimla consent form (għall-minuri) u dikjarazzjoni fuq is-saħħa.  Saru diversi struzzjonijiet fuq l-ewwel għajnuna u fire drills.  Il-kit tal-ewwel għajnuna ikun prezenti kullimkien fir-responsabbiltà tal- first aider. Kull attivita' tat-tfal ikollha uffiċjal jew helper biex jara li kollox imur sew.  Fl-attivitajiet ta' bil-lejl jiġi żgurat li fejn ikun hemm mixi fit-triq ikun hemm biżżejjed sinjali li jidhru fid-dlam.  It-tfal iridu jixorbu l-ilma, jieklu sew, jindilku bis-sunblock, ma jiġrux fix-xemx qalila bejn l-10 u l-4 ta' wara nofsinhar.  Jekk ikunu ma jifilħux jiġu spezzjonati mill-ewwel u l-ġenituri tagħhom avżati immedjatament.

Waqt il-Kamp isiru laqgħat għall-uffiċjali u leaders biex nanalizzaw x'mar tajjeb u x'mar ħażin u ħadna l-opportunita' nitkellmu fuq il-'pjan pastorali' li ħejja l-Oratorju tas-Salesjani ta' Tas-Sliema, it-tibdiliet li jridu jsiru, u ċ-ċelebrazzjonijiet li s-Salesian Brigade se tkun qed tħejji għaċ-ċentinarju tagħha, is-sena li ġejja.

Ċajt u ferħ ma naqsux l-anqas, bil-famużi ghost hunt, dlik bit-toothpaste, u l-famuż campfire li kien mimli bi sketches u kant tradizzjonali ta' waqt il-campfire.  Numru sabiħ ta' ġenituri u ħbieb tas-Salesjani attendew serata mill-isbaħ, waqt li kullħadd xorob u kiel.  Il-Kmandant tal-SB is-Sur Joe Giorgio, kebbes uffiċjalment il-ħuġġieġa tal-campfire.

Insomma, kif ngħidu, kien kamp bomba. L-importanti li t-tfal u żgħażagħ jibqgħu jiftakru dan il-kamp għal għomorhom kollu. Importanti wkoll li jitgħallmu d-dixxiplina biex 'il quddiem ikunu 'Ċittadini onesti u Nsara tajbin'...dejjem kif kien jgħid u jridhom San Ġwann Bosco.





# Crimes 10 Abridged extracts

*Excerpts from the book " Crimes of the Innocent" by Fr. Charles Cini S.D.B.*

# A dialogue with the mother of a drug-addict

It was late at night, when I came back home after I had a long meeting with the family of a drug-addict who tried to take an overdose. I meditated on the experience of the day.

Something I could not forget was the suffering face of the poor mother. The following morning I met that same woman and we spent a good long time talking. *"It is very painful to recall the story of my son"*, she told me *"he's been abusing drugs for the last eight years. But if this means that I can be of help to others through my sad experience, I am willing to do it. "*

**"What is your opinion about drug addicts?"**

*"My experience with drug addicts proves that they are not the horrible people we normally imagine. They are extremely sensitive and in need of affection and attention. It is under the influence of the substance, that they really become insensible.*

**Is it difficult to accept that your son is an addict?**

*"It is, and a lot of courage was needed, when the time to face the truth arrived. Indeed, it was a moment of extreme panic! But I managed to control myself*




*and take action. At first I thought about the gossip there would be by friends and relatives, when they found out, but then I reasoned that my son needed total support and was of more importance than the gossip.*

**What makes you suffer most in front of this problem?**

*"I would say it is the fact that I feel helpless towards my son. I have to face two personalities, i.e. the real one and the fake one. I feel betrayed by the behaviour of this same child to whom I dedicated my whole life and being.*

**Does an addict change the atmosphere in a family?**

*"The expert that was guiding us always insisted that we should be frank with him and with each other. He had been fooling all of us because we were too afraid to talk openly about the problem. Then we learned that the only possibility of victory was to be sincere with each other. I was the worst of them all, because I always tried to excuse him and hide his faults. I learnt that to succeed with a drug addict, the full support of all the family was needed. I learnt also that even parents require therapy. Fathers have a great role to play, since the child needs the strength of his father behind him. Solidarity between mother and father* is *essential."*

**Could you get deeper about some details** ?

*"The thing that I hated most was that I was being accused by all the family. I was loving and gave total attention to my son to the point that I was neglecting the rest of my family. I used to send my youngest son away to his aunts, because I didn't want him to be a witness of the situation in which his brother was. I used to have clashes with my husband since we never agreed about what to do. I arrived at the stage of wishing him dead, and sometimes contemplated the thought of killing him to end the sufferings of a mother's heart. How wretched and weak I felt, even as my health deteriorated. I used to confront myself and tried to drive away*

*the evil thoughts, the quick palpitations, the doubts, the fear, the anxiety, the hate, and I used to look back in anger: I used to remember my son as a wonderful person, sweet and caring; but now he is a completely different person."*

Then she continued: *"I have been robbed; all my family's jewellery is gone. He stole it so that he would buy his stuff. We lived with the anxiety that we would wake up and find more things missing. On one particular occasion, Christmas, I was laying the table and went to get my Maltese silver cutlery. To my dismay, it was all gone! It had been in the family for more than four generations. However the worst suffering for the mother of a drug addict is the psychological aspect of it. I feel guilty about my son's addiction. It was I that spoiled him so much; but then again, he was treated like his other two brothers. Maybe he was different and needed a different approach. "*

**Does a mother really wish to save her son from drugs?**

*"I lived with contradictions in my heart, but my only wish before I die is to see him recovered. I want to save him from death. When I hear news of people dying of overdoses I say that my son will be the next. I asked for opinions about the best therapeutic community in which to place him. When I used to see him in the condition which drug withdrawal provokes, I was sometimes tempted to go out and buy drugs for him. To think that I was willing to buy death for him!"*

While thanking her for being so genuine, I encouraged her not to lose heart.



# *Course in Salesian Spirituality for the Maltese Salesian Family*

**Lecture 1:** St. John Bosco, profoundly human and profoundly man of God.
**Speaker:** Rev. Fr. Charles Cini sdb
**Date:** 10th October 2009

**Lecture 2:** The Preventive System –
**Speaker:** Rev. Fr. Joe Boenzi sdb
**Date:** 21st November 2009

**Lecture 3:** The active presence of Our Lady Help of Christians
**Speaker:** Sr. Theresa Curmi FMA
**Date:** 19th December 2009

**Lecture 4:** The influence of Mamma Margherita on Don Bosco
**Speaker:** Rev. Fr. Francis Zammit sdb
**Date:** 16th January 2010

**Lecture 5:** The impact of St. Francis of Sales' spirituality on Don Bosco and the Salesians.
**Speaker:** Rev. Fr. Eunan McDonnell sdb
**Date:** 13th February 2010

**Lecture 6:** The identity of the Salesian (both consecrated and lay) today
**Speaker:** Rev. Fr. Manuel Camilleri sdb
**Date:** 6th March 2010

**Lecture 7:** Don Bosco's outlook on life and the human person
**Speaker:** Rev. Fr. Jack Finnegan sdb
**Date:** 17th April 2010

**Lecture 8:** Travelling life's journey today with Don Bosco's wisdom
**Speaker:** Rev.Pascual Chavez sdb, Rector Major.
**Date:**15th May 2010 (?)

**Venue and time:** Salesian Theatre hall, Sliema, beneath the main Chapel at 19.00 hours and end by 20.30 hours, with a 20 minutes tea / coffee break Every meeting will be held on Saturday.

Payment: €35 for adults and €20 for students. Cheques are to be payable to 'Salesians of Don Bosco'. All applications are to be mailed to: *Salesianity Course Coordinator, 10 St John Bosco Street, Sliema SLM 1922.*

# THE PACKING MISTAKE

About a week before Christmas, our family bought a new nativity crib. When we unpacked it, we found two figures of the Baby Jesus. 'Someone must have packed this wrong,' mother said. 'Oh dear! I suppose some set, down at the store, is missing a Baby Jesus because we have two.' 'You two run down to the store and tell the manager to put a sign on the boxes saying that if a set is missing a Baby Jesus, call 7126. Put on your warm coats, it's freezing cold out there.' The manager of the store copied down mother's message.

All week long we waited for someone to call. Each time the phone rang, mother would say, 'I bet that's about Jesus,' but it never was. Father tried to explain, there are thousands of these scattered over the country and the figurine could be missing from a set in Florida or California. He suggested we just put the extra Jesus back in the box and forget about it. When no call had come by 5 p.m. on Christmas Eve, mother insisted that father just run down to the store to see if there were any sets left. 'Run down to the store?' father thundered. 'It's 15 below zero out there!' 'Oh, Daddy, we'll go with you,' Tommy and Mary began to put on their coats then ran ahead as father reluctantly walked out in the cold. Mary got to the store first and pressed her nose up to the store window. 'They're all gone, Daddy,' she shouted. 'Every set must have been sold.' When we got back into the house we noticed that mother was gone and so was the extra Baby Jesus figurine. Then the phone rang. Father yelled, 'Answer the phone and tell 'em we found a home for Jesus.' But it was mother calling with instructions for us to come to 205 Chestnut Street immediately, and bring three blankets, a box of cookies and some milk. 'Now what has she gotten us into?' my father groaned as we bundled up again. '205 Chestnut -. Why, that's across town. Why can't we all just get on with Christmas? It's probably 20 below out there now. Of all the crazy things to do on a night like this.' When we got to the house it was the darkest one on the block. Only one tiny light burned in the living room. The moment we set foot on the porch steps, my mother shouted, 'Oh thank God you got here, Ray! You kids take those blankets into the living room and wrap up the little ones on the couch. I'll take the milk and cookies.'

''Would you mind telling me what is going on, Ethel?' my father asked. 'We have just walked through below zero weather with the wind in our faces all the way.' 'Never mind all that now,' my mother interrupted. 'There is no heat in this house and this young mother is so upset she doesn't know what to do. Her husband walked out on her and those poor little children will have a very bleak Christmas, so don't you complain.'

My mother strode off to the kitchen to warm the milk while my brother and I wrapped up the five little children who were huddled together on the couch. The children's mother explained to my father that her husband had run off, taking bedding, clothing and almost every piece of furniture, but she had been doing all right until the furnace broke down. 'I saw your number every day there on those boxes at the store. When the furnace went out,

that number kept goin' through my mind -- 7162, 7162. It said on the box that if a person was missin' Jesus, they should call you. That's how I knew you were good Christian people, willin' to help folks. So I called your missus. I'm not missin' Jesus, mister, because I sure love the Lord. But I have no money to fix that furnace.' 'Okay, Okay,' said father. 'Now let's see. Shouldn't be too hard to fix that burner.' Mother came into the living room carrying a plate of cookies and warm milk. As she set the cups down on the coffee table, I noticed the figure of Baby Jesus lying in the centre of the table. It was the only sign of Christmas in the house. The children stared wide-eyed with wonder at the plate of cookies my mother set before them. Father finally got the oil burner working but said, 'You need more oil. I'll make a few calls tonight and get some oil. Yes ma'am, you came to the right place,' father grinned. On the way home father did not complain about the cold weather and had barely set foot inside the door when he was on the phone. 'Eddie, hey, how are ya, Ed? Yes, Merry Christmas to you, too. Say Ed, we have kind of an unusual situation here, I know you've got that pick-up truck. Do you still have some oil in that barrel on your truck? You do?' By this time the rest of the family were pulling clothes out of their closets and toys off of their shelves. It was long after our bedtime when we were wrapping gifts. The pickup came. On it were chairs, three lamps, blankets and gifts. Even though it was 30 below, father let us ride along in the back of the truck. No one ever did call about the missing figure in the nativity set, but as I grow older, I realize that it wasn't a packing mistake at all. Jesus saves, that's what He does and He works in mysterious ways to do it! Have a Happy and Holy Christmas.



# Something to

## The four blessed looks:

*Look back and thank God.*
*Look forward and trust God.*
*Look around and serve God.*
*Look within and find God!*

*I asked God, 'How do I get the best out of life?'*
*God said, 'Face your past without regrets.*
*Handle your present with confidence.*
*And prepare for the future without fear!'*

*Without God, our week is:*
*Mournday, Tearsday, Wasteday, Thirstday,*
*Fightday, Shatterday and Sinday.*
*Remember: seven days without God make 'one weak'.*
*So, allow Him to be with you every day!*

*Life is short, so forgive quickly.*
*Believe slowly. Love truly. Laugh uncontrollably.*
*Never regret anything that makes you happy.*

*And have a wonderful New Year!*


think about...

# Grupp Ġdid ta' Kooperaturi f'Savio College



## Il-mixja tiegħi biex nsir membru

Tanya Borg (Branch Manager HSBC)

Kien proprju fis-sajf ta' l-2008 waqt laqgħa soċjali mas-Salesjani, fejn bħala grupp imdaqqas ta' ġenituri li t-tfal tagħna kienu jew iggradwaw minn Savio College jew li waslu biex, urejna x-xewqa li din l-esperjenza Salesjana li għamilna matul dawn il-ħames snin sekondarji ma' wliedna, ma tispiċċax hawn. Kollha konna tal-fehma u kollha wrejna x-xewqa li dak li ħadna minn għand is-Salesjani u t-tagħlim validu u prattiku ta' Dun Bosco nkomplu nikbru fih sabiex imbagħad ngħadduh lill-oħrajn.

Kien proprju Fr. Fabio Attard sdb li ħareġ bl-idea sabiħa li jingħata bidu għat-twaqqif ta' dan il- grupp ta' Kooperaturi u fil-pront hu nkariga lili flimkien ma' Fr. Joe Portelli sdb u Fr. Sandro Camilleri sdb biex niltaqgħu u noħorġu bl-idejat tagħna dwar kif se jitwieled dan il-moviment u jikber mhux biss f'Savio College iżda fi djar oħra Salesjani Maltin. Wara li ntbagħtu applikazzjonijiet biex in-nies juru l-interess tagħhom, kellna tweġiba tajba ħafna minn għadd ta' ġenituri u f'Ottubru 2008 bdejna l-laqgħat tagħna ta' formazzjoni sabiex nagħrfu u nifhmu l-pass li xtaqna nieħdu x'kien ifisser fil-prattika.

F'dawn il-laqgħat li saru minn diversi Salesjani, komplejna nsiru nafu fid-dettal min hu Dun Bosco. Bdejna mit-trobbija tiegħu u x' kienet tfisser għalih ommu Mamma Margerita u l-prinċipji sodi u reliġjużi li rabbietu fihom. Rajna ukoll l-mixja tiegħu lejn is-saċerdozju, kif għażel li jibda jaħdem maż-żgħażagħ imwarrba ta' Turin u kif twaqqaf l-ewwel Oratorju. Rajna wkoll kif seħħ bil-mod il-mod it-twaqqif tal-Familja Salesjana, familja li tgħodd l-eluf imxerrda ma' l-erbat irjieħ tad-dinja u li hi mibnija fuq il-prinċipji ta' raġuni, imħabba u reliġjon. Tkellimna wkoll fuq l-importanza tax-xhieda nisranija bħala Kooperaturi Salesjani waqt li żammejna quddiemna

l-eżempju ta' Mamma Margerita, dwar il-ħtiega ta' ħajja attiva ta' talb fuq l-eżempju ta' San Domenico Savio, dwar is-sisien sodi li ħajja sagramentali tista' tipprovdilna f'din il-missjoni tagħna u dwar is-sigriet tax-xogħol kollu Salesjan – is-Sistema Preventiv li issa aħna rridu naddottaw fil-ħajja familjari tagħna u anke fir-relazzjonijiet tagħna fuq il-post tax-xogħol.

Dawn il laqgħat għalija personali fissru ħafna. Komplejt nifhem aktar l-għeruq tas-Salesjani u erġajt għext l-esperjenza tiegħi tal-pellegrinaġġ ta' Turin, esperjenza li nibqa' dejjem ngħożż. Inħossni fortunata ħafna li rajt u missejt b'idejja kull post li tkellimna fuqu matul dan il-pellegrinaġġ u żgur li dan kompla ħeġġeġ fija x-xewqa li ningħaqad mal -Kooperaturi Salesjani.

Fl-aħħar waslet il-ġurnata tas-16 ta' Mejju 2009, il-ġurnata fejn grupp sabiħ ta' madwar erbgħin persuna ersaqna biex nagħmlu l-'wegħda' li nsiru Kooperaturi Salesjani. Kien mument sabiħ ħafna għalija. Ma nistax nesprimi l-emozzjoni li ħassejt kif rajt lil Dun Adriano Bregolin, Vikarju Ġenerali tas-Salesjani, lil Fr. Fabio Attard u lill-kommunità Salesjana ta' Savio College u ta' Tas-Sliema telgħin iqaddsu flimkien għal din l-okkażżjoni.

Il-preżenza ta' Dun Adriano u ta' Fr. Fabio diġà kienet biżżejjed biex turi s-sinjifikat tal-mument u dan kompla jissaħħaħ bil-preżenza qawwija tal-komunità Salesjana f' Malta. Don Adriano għaddilna messsaġġ ċar dwar id-dover li issa għandna, jiġifieri li naqsmu u nwasslu l-prinċipji Salesjani ta' Reliġjon, Imħabba u Raġuni fil-familji tagħna u fuq il-postijiet tax-xogħol tagħna. Dawn il-prinċipji, meta mgħixa minna kif suppost, żgur se jbiddlu l-ħajja ta' dawk li niltaqgħu magħhom waqt li nkomplu naħdmu mal-komunità Salesjana.

Illum fhimt li din il-mixja għalija bdiet mad-dħul tat-tifel tiegħi f'Savio College tmien snin ilu. Sa minn dak in-nhar bdejt insir naf lis-Salesjani aktar mill-qrib, komplejt ninbena minn ġewwa permezz tal-laqgħat tal-Lectio Divina ta' kull xahar u issa, flimkien mar-raġel tiegħi u ma' sħabi l-oħra, wasalt biex nifforma parti mill- Kooperaturi Salesjani. Żgur li dan mhux tmiem ta' storja imma bidu ta' impenn li min jaf fejn se joħodna.

Nispera li bl-għajnuna t'Alla u ta' Marija Għajnuna ta' l-Insara nkunu ta' eżempju tajjeb għal oħrajn u xhieda denji ta' Dun Bosco. Viva Dun Bosco u s-Salesjani!



# Vendetta ta' Ġurdien

**Sister Filomena, missjunarja fl-Indja, wara xahrejn vaganzi, rikbet l-ajruplan biex terġa' lura fil-Missjoni.**

Filgħodu kmieni, hekk kif waslet l-Indja u l-kowċ ħaditha fil-belt, malli dawk li jafuha lemħuha, ma naqsux li jiġru lejha, jifirħu biha u joħdulha b'idejha, kuntenti li fl-aħħar reġgħet lura fosthom. Fi ftit ħin ħafna nies resqu madwar Sister Filomena jġorrulha



l-basktijiet u soror li ġabet magħha. Madwarha qamet geġwiġija sħiħa għax mill-kbar saż-żgħar kollha riedu jgħidu tagħhom. Kellha biċċa xogħol iebsa Sister Filomena biex tkompli ma' kulħadd. Imma ma damitx ma waslet id-dar skortata mill-folla bħala l-persuna l-aktar importanti.

Fost il-kaxxi tal-kartun li ġarret magħha, kien hemm waħda li setgħet tiftaħ dak il-ħin stess. Din kienet spiritiera 'valor' li tagħti nar qawwi u ssajjar malajr. Għal dik il-għodwa, ir-ross tal-komunita' kien ġa lest, u allura l-ispiritiera setgħet tiżżanżan għat-tisjir ta' filgħaxija. L-għajnejn ta' kulħadd kienu kollha kurżita' u Sister Filomena kellha tiftaħ xi pakketti żgħar oħra. Imbagħad ftakret li kellha tiġri lejn il-knisja sabiex tirringrazzja 'l Alla għall-wasla tagħha lura qawwija u sħiħa u talli sabet lill-ħbieb u l-katekisti kollha f'posthom.

Wara nofsinhar Sister Filomena, ferħana bl-ispiritiera tagħha, marret fuq wara tad-dar, mat-tfajliet tal-kċina sabiex flimkien jibdew it-tisjir. L-ispiritiera ġdida kellha toqgħod f'rokna għall-kenn. Imlewha bil-pitrolju, stennew il-ftila tixxarrab u xegħluha. Iżda din ma ridetx tixgħel kif suppost, b'dik il-fjamma blu. In-nar deher fjakk, il-ħin kollu jilgħab, jiċċaqlaq u kultant iddaħħan. Bilfors li kien hemm xi riħ minn xi mkien. Ressqu ftit l-ispiritiera minn postha u ndunaw li warajha kien hemm toqba. Minnha beda għaddej

ftit riħ sewwa. Għalhekk din kellha tinstadd immedjatament. Sister Filomena ressqet idha biex tara jekk hix fonda u …tikk, tikk…żewġ sinniet fini niggżulha subgħajha!

Inħasdet sew u beżgħet. Billi kienet taf ħafna stejjer ta' nies li ġralhom bħalha, u wħud laħqu mietu, pront bdiet tgħajjat imwerwra: 'Gidimni s-serp…gidimni s-serp…''

Dawk li kienu fil-qrib malajr ġrew għall-għajnuna. Qamet konfużjoni kbira. Kien hemm min ried jgħajjat lis-saħħar li jservi anki ta' tabib. Oħrajn, skond l-użanza li teżisti hawnhekk, bdew jorbtu u jissikkaw kemm jifilħu driegħ is-soru ħalli d-demm velenuż ma jilħaqx jitla' 'l fuq lejn il-qalb. Wieħed qabad xafra u beda jxoqq is-saba' fost uġigħ u demm iqattar…u hekk il-velenu jkun jista' joħroġ mill-ġisem.

Riedu jieħdu s-soru l-isptar, imma billi kienu fil-qofol tal-festi, it-trasport pubbliku kien wieqaf. Malajr instab xi ħadd li kellu jeep u aċċetta li jeħodha malajr hu. Intant, in-nies imdawra mas-soru safra u anzjuża, bdew jikkunslawha u jgħidulha forsi ma kienx serp dak li gidimha.

Sister Filomena waslet l-isptar kważi mitlufa minn sensiha bl-uġigħ li kellha minħabba dak l-irbit kollu ta' driegħha. Sarulha t-test tad-demm u l-kura meħtieġa.

F'sagħtejn intbagħtet id-dar ħielsa minn kull periklu. Hekk kif niżlet mill-karrozza t-tfal ġrew għal fuqha jassigurawha li ma kienx is-serp li gidimha, imma ġurdien! Meta ħaduha lejn l-isptar, it-tfal daħħlu lasta fit-toqba u l-ġurdien ħareġ sparat min-naħa l-oħra.

Dak inhar ix-xitan ma ħamilx jara kollox ġej tajjeb għal Sister Filomena. Inqeda b'vendetta ta' ġurdien! Kellha ġurnata tassew mimlija dak l-ewwel jum ta' missjoni, wara xahrejn mistrieħ f'art twelidha. Tibqa' tiftakarha!



# Mulej, Int Sejjaħtli…

***Ċertament waħda mill-isbaħ ġrajjiet għall-Familja Salesjana dawn l-aħħar jiem kienet l-okkażjoni tal-Voti Perpetwi ta' Bro. Gerald Mangion u Bro. Jeremy Vella.***



Wasal il-jum li fih kellhom iġeddu l-voti l'Alla, fil-ħajja reliġjuża, iż-żewġ żgħażagħ Gerald Mangion u Jeremy Vella. It-tnejn li huma, deċiżi li jibqgħu jimxu wara l-Mulej Ġesù fuq l-eżempju tal-ħajja qaddisa ta' San Ġwann Bosco, wiegħdu lil Alla ħajja ta' ubbidjenza lejn is-Superjuri tagħhom, ħajja ta' faqar ma' sħabhom is-Salesjani u ħajja ta' safa' fis-servizz taż-żgħażagħ. U dan minn issa u għal ħajjithom kollha.

Gerald u Jeremy, barra mit-triq tal-ħajja reliġjuża, qegħdin isegwu wkoll it-triq li twassal għas-saċerdozju. Huma diġà temmew l-ewwel sentejn fil-kors tagħhom tat-teoloġija. L-istudentat fejn qegħdin jinsab fil-belt ta' Turin, fl-Italja ta' Fuq - il-belt li fiha għex u ħadem il-fundatur tas-Salesjani, San Ġwann Bosco. Hemmhekk, ma' Salesjani studenti oħra minn pajjiżi diversi, huma qegħdin mhux biss jieħdu l-għerf bżonnjuż għall-ħidma pastorali tagħhom, imma wkoll l-ispirtu Salesjan li jinsab tant ħaj f'ħafna mill-inħawi ta' Turin fejn hemm opri Salesjani u memorji li jagħtu xhieda tal-kariżma ta' Dun Bosco. Bl-għajnuna ta' Alla, is-sena li ġejja, iż-żewġ Brothers jordnaw djakni, l-aħħar pass qabel is-saċerdozju.

Nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Settembru, il-knisja parrokkjali ta' San Girgor il-Kbir f'Tas-Sliema,







kienet maħnuqa bin-nies li ġew jassistu għal din iċ-ċerimonja. Barra mill-membri tal-familji taż-żewġ reliġjużi, kien hemm bosta ħbieb, Brothers, Past Pupils, Salesjani Koperaturi, Sorijiet Salesjani u oħrajn, kollha midħla tas-Salesjani. Spikkaw f'din il-folla, numru kbir ta' żgħażagħ li kienu qegħdin jew jassistu minn posthom, jew jieħdu sehem attiv f'dak li kien qiegħed jiġri, jew jgħinu fuq l-altar, jew koristi jew bħala ushers, inkella jieħdu r-ritratti uffiċjali.

Il-Professjoni Perpetwa issir waqt quddiesa solenni. Sabiex imexxi din iċ-ċerimonja kien hawn wieħed mis-Superjuri maġġuri tagħna minn Ruma, Fr. Fabio Attard, li huwa nkarigat mill-Movimenti taż-Żgħażagħ fid-dinja Salesjana. Jikkonċelebraw miegħu kien hemm il-Provinċjal Fr. John Horan mill-Irlanda u d-Delegat tiegħu f'Malta, Fr. Paul Formosa. Ma' dawn, b'ferħ kbir f'qalbhom u f'solidarjetà maż-żewġ Brothers kien hemm għoxrin saċerdot ieħor.

Fuq l-artal, bħala wieħed mill-'abbatini', kien hemm ukoll is-Salesjan ġdid Bro. Kenneth Micallef. Kenneth kien għadu kemm għamel l-ewwel professjoni f'Turin nhar it-8 ta' Settembru, tlett ijiem biss qabel.

Din il-quddiesa kienet imżewqa b'kant ferm sabiħ, kant animat minn kor immexxi minn Ms. Dorienne Portelli u akkumpanjat mill-ġemgħa kollha fil-knisja. Wara l-qari mill-Iskrittura Mqaddsa u l-omelija minn Fr. Fabio Attard, beda r-rit tal-Professjoni. F'dal-mument il-Brothers fissru l-intenzjoni tagħhom li jimxu wara Kristu l-Mulej fil-Kongregazzjoni Salesjana, imbagħad mteddu minn tulhom, wiċċhom ma' l-art, sakemm tkantat il-litanija tal-Qaddisin. Wara dan huma għamlu l-Professjoni, li kienet segwita minn talba ta' konsagrazzjoni li ċ-ċelebrant talab fuqhom. Salib ċkejken tal-bronż, li kull Salesjan jirċievi f'din l-okkażjoni, Ingħata f'dan il-mument lil Gerald u Jeremy. Il-quddiesa tkompliet bħas-soltu sa l-aħħar.

Din il-Festa ma kinetx tkun kompluta kieku naqas il-ferħ tal-laqgħa ta' flimkien. Din hija parti importanti fis-sistema Salesjana, jiġifieri l-espressjoni ta' ferħ meta l-membri jiltaqgħu biex jesprimu sentimenti ta' għaqda bejn il-fergħat kollha tal-Familja Salesjana u mal-ħbieb u ġenituri. Dun Bosco kien dejjem isib okkażjoni biex iferraħ lit-tfal ta' l-Oratorju, u kien iħobb wisq jiċċelebra il-festi b'teatrini, logħob u anke ikel propju tal-festa.

Għaldaqstant, wara ċ-ċerimonja tal-knisja, il-ġemgħa kollha nġabret fil-bitħa ta' l-Oratorju fejn xi voluntiera servew xorb u ikel lil kulħadd. Kien il-mument meta wara s-solennità u s-skiet rispettuż ta' waqt il-funzjoni, issa kulħadd juri s-sodisfazzjon tiegħu, jifraħ ma' sħabu, jiltaqa' mal-ħbieb u jawgura liż-żewġ Brothers u lill-familjari tagħhom.

# IĦALLINA PAWLU VELLA 1943-2009

**Apprezzament minn Mark Caruana**

Kienet għafsa ta' qalb għalija meta smajt bl-aħbar tal-mewt tal-ħabib tagħna Pawlu Vella.

Pawlu kien twieled il-Belt Valletta, iżda għadda żgħożitu ġewwa tas-Sliema. Meta żżewweġ kien mar joqgħod Ħal Balzan u hemm baqa' sa ma miet.

Fil-Ħamsinijiet, jiena u Pawlu, bħal bosta żgħażagħ oħrajn minn Tas-Sliema u l-inħawi madwarha, konna mmorru l-Oratorju Salesjan. Konna attivi ħafna fil-Boys' Brigade (ara ritratt) kif ukoll abbatini flimkien. Imma, bil-maqlub tiegħi, Paul kien atleta prim, wieħed mill-ftit li kien iħobb jiġri fit-tul b'suċċess (cross country, long-distance running). L-aħħar li rajtu tlett snin ilu, urini siltiet mill-paġni ta' l-isports tal-gazzetti The Times of Malta u l-Berqa, li jitkellmu fuq it-tiġrijiet li kien ħa sehem fihom, fejn kien jirrappreżenta ż-żgħażagħ Salesjani jew lil Malta u kien rebaħ numru ta' premjijiet.

Meta ma bqajniex immorru aktar l-Oratorju, Paul emigra lejn l-Ingilterra fis-sena 1965 u jiena mort l-Awstralja fl-1973. Għaddew 35 sena u erġajt għamilt kuntatt miegħu wara dak iż-żmien kollu, permezz tal-website Malta Global Friends, li tagħha Paul kien kontributur regulari.

Ta' atleta prim li kien, fl-Ingilterra Paul malajr tħajjar u kkwalifika bħala tennis umpire. Huwa laħaq veru livell għoli, tant li kien fi grad li jirreffja anki d-Davis Cup. Hemmhekk, ukoll kien involut ħafna fl-iscouts u għamel karriera jaħdem mal-British Airways. Wara 15-il sena irritorna Malta, iltaqa' ma' Massie u żżewweġ meta huwa kellu ma' l-erbgħin sena.

F'Malta, Paul kellu l-kumpanija tiegħu tal-kompjuters u ta' spiss kien jikteb fit-Times u jorganizza esibizzjonijiet u korsijiet dwar il-kompjuters.

F'kelma waħda, Paul kien bniedem ta' ħafna talenti, għax kien ukoll dilettant kbir tas-sajd tal-lampuki u tkabbir tal-frott tal-ġnien. Iżda l-isbaħ tifkiriet tiegħu, kien stqarr miegħi meta stedinni d-dar tiegħu f'Ħal Balzan, kienu ta' l-Oratorju Salesjan għax kien qalli li hemm 'ħadna trobbija soda u formazzjoni nisranija fil-karattru tagħna.'

Minn hawn nixtieq insellem lil Paul waqt li nagħti l-għomor lil martu Massie u lil bintu Martina.



Il-membri tas-SBB f'dan ir-ritratt huma: Benny Grech; Patrick Pullicino; Paul Vella u Alfred Briffa. (Taħt) John Green; Alfred Sacco; Rene Sacco u Mark Caruana

Dan ir-ritratt gie meħud kmieni fis-Snin Sittin wara parata tas-St John's Ambulance Brigade. Fil-fatt kulħadd għandu l-badge tas-St John's.



# Il-Beatu Filippu Rinaldi (1856-1931)

**Filippu twieled nhar it-28 ta' Mejju 1856 fir-raħal ta' Lu Monferrato (Alessandria) fil-Pjemonte (Italja). Meta kellu 21 sena huwa ngħaqad ma' Dun Bosco. Malli laħaq qassis, l-ewwel responsibiltà mogħtija lilu kienet il-formazzjoni ta' l-aspiranti u n-novizzi. Fl-1889 Don Rua bagħtu Spanja bħala Rettur tal-komunità fil-belt ta' Sarria. Wara, imbagħad, ġie mitlub ikun Provinċjal, u f'din il-kariga huwa ta kontribut deċisiv għall-iżvilupp tas-Salesjani fi Spanja.**

Elett bħala Rettur Maġġur tal-Kongregazzjoni, huwa wera aktar minn qabel id-doni ta' missier u l-ħila li jibda xogħlijiet ġodda, bħal ma huma l-kura tal-vokazzjonijiet, twaqqif ta' ċentri spiritwali għall-għajnuna lill-ħaddiema żgħażagħ, gwida u kuraġġ lis-sorijiet Ulied Marija Għajnuna ta' l-Insara fi żmien importanti ta' l-istorja tagħhom. Kien hu li saħħaħ lis-Salesjani Koperaturi u waqqaf il-Federazzjoni Dinjija tal-Past Pupils Salesjani. Waqt li kien jgħin u jaħdem ma' grupp jismu 'Zelatrici di Maria Ausiliatrice' ġieh f'moħħu u baqa' sa ma wettqu, il-pjan li jwaqqaf forma ġdida ta' ħajja kkonsagrata fid-dinja, dak li wara kellu jikber u jsir l-Istitut Sekulari tal-'Voluntiera ta' Dun Bosco' (VDB).

Dun Filippu Rinaldi ġie elett Rettur Maġġur tas-Soċjetà Salesjana fl-1922. Huwa ffoka l-enerġija tiegħu sabiex jadatta l-ispirtu ta' Dun Bosco għaż-żminijiet u s-sitwazzjoni kurrenti. Fuqu, l-istoriku Dun Francesia kiteb hekk, 'Dun Rinaldi kellu nieqes biss il-leħen ta' Dun Bosco; mill-bqija kellu kollox!' Kien espert fil-ħajja Salesjana u l-ispiritwalità tagħha, u għalhekk ġab rinnovament fil-ħajja interjuri tas-Salesjani, tama sħiħa f'Alla u fiduċja bla tarf f'Marija Għajnuna ta' l-Insara. Huwa talab lil Papa Piu XI għall-indulġenza għal min iqaddes ix-xogħol tiegħu. Ħa ħsieb u qawwa l-missjonijiet u bagħat bosta Salesjani żgħażagħ sabiex jitgħallmu l-ilsna u użanzi barranija sabiex hekk setgħu jkunu aktar mogħnija bil-kulturi lokali u jxandru l-Vanġelu b'mod aktar effettiv.

Dun Rinaldi miet nhar il-5 ta' Diċembru ta' 1931 u kien magħmul Beatu mill-Papa Gwanni Pawlu II nhar id-29 ta' April 1990. Il-fdalijiet tiegħu huma meqjuma fil-kripta tal-Basilika ta' Marija Għajnuna ta' l-Insara f'Turin, u t-tifkira tiegħu tiġi ċċelebrata nhar il-5 ta' Diċembru.

# The Life of St. Paul (5)

***A brief account of the Life of the Apostle Paul. This is the fifth and last part.***



### *A Prisoner for Christ (contd.)*

In autumn AD 60, Paul and other prisoners were put on board a ship sailing to Rome but they were shipwrecked off the coast of Malta. This was his fourth such perilous experience, but the Lord assured him that all the passengers would be saved, and so it proved. They spent the winter months on the island and on one occasion, Paul was bitten by a snake as he was collecting firewood. Since he was unharmed, he was regarded as something of a god, an opinion further strengthened when he healed the father of Publius, the Prefect of the island. Others were brought to him to be cured and, by the time he boarded another ship three months later, he had won the veneration of the Maltese people. Accompanied by Luke, he landed at Puteoli and from there went on foot to Rome where Christians came out to welcome him at the Appian Market and escort him on the final stage which some have likened to his Master's Way of the Cross.

For two years Paul was under house-arrest in his own rented accommodation, but this did not slow the progress of the Gospel even as far as the Praetorian Guard who

lodged with him, and the Imperial palace itself. "He welcomed all who came to visit him, proclaiming the Kingdom of God and teaching the truth about the Lord Jesus with complete freedom and without hindrance from anyone." (Ac 28: 30-31.) The Four "Captivity Letters show his determination not to allow circumstances to hinder his teaching. From the fullness of his heart he writes to his beloved Philippians about the peace and spiritual joy he experiences and which he wants them, his children, to share. In his letter to the Ephesians he celebrates the eternal love of the Holy Trinity which is poured out for the salvation of mankind, the triumphant supremacy of Christ, and the abundance of grace which flows from Him to His body which is the Church. To the Colossians he explains Christ's pre-eminence and warns them against the plausible arguments with which some inhabitants of the Lycus valley might try to adapt the faith to their own philosophy. The Letter to Philemon, the only one addressed to an individual about a personal matter, reveals the writer's warmth, charm, and attitude to social and political evil.

## *Release and Last Journey*

St. Clement (d. AD 101) in his Epistle (5:5-7) and St. John Chrysostom (349-407) both attest that, after his release, Paul ventured as far west as Spain, and the Letters mention some of the stopping places on his last missionary journey eastward. At Crete he left Titus to correct any errors that still persisted and he entrusted Ephesus to Timothy's benevolent supervision. He wrote to them from Macedonia urging them to be good ministers for Jesus Christ, to encourage sound doctrine, and persuade those who dissented to a better frame of mind. He spent the winter in Nicopolis where he was joined by Titus en route to Dalmatia after his successful mission in Crete, before making quick visits to Troas, Miletus and Corinth. As soon as he arrived back in Rome he was arrested again, but this time the earlier, civilized custody was replaced by a confinement where he was virtually incommunicado.

The atmosphere in Rome had changed and Christians were under siege with only their faith to sustain them. Paul's last letter to his dear friend Timothy begged him to come quickly for he was expecting the end, though with confidence unshaken. "All there is to come now is the righteousness reserved for me, which the Lord, the righteous judge, will give to me on that day, and not only to me but to all those who have longed for his coming." (2 Tim 4:8.) Like Peter, Paul was a victim of Nero's persecution and was beheaded at Aquae Salviae a few miles outside the walls of Rome on the Ostia road, and was buried by his friends in a cemetery some way towards the city. In the fourth century Constantine built the great Basilica of 'Saint Paul outside the Walls' where the Apostle and Martyr lay. The Epistle which Pope Saint Clement (d. 101) sent to the Corinthians gives evidence of the residence, co-operation and martyrdom in Rome of both Peter and Paul.



# Il-Kawża għall-Beatifikazzjoni ta' Dun Giuseppe Quadrio

***Dun Giuseppe Quadrio, Salesjan, twieled f'Vervio – Sondrio nhar it-28 ta' Novembru 1921 u miet fl-Istudentat tat-Teoloġija 'La Crocetta', Turin fit-23 ta' Ottubru 1963.***

Fil-Konsulta li saret sabiex tiġi studjata l-kawża ta' beatifikazzjoni ta' dan is-saċerdot, id-disa' teologi qablu kollha li jirrikonoxxu l-qdusija ta' ħajja u ta' virtujiet ta' dan il-Qaddej ta' Alla. Qablu wkoll li tkun ħaġa tajba li dan kollu jkun magħruf, għaliex l-eżempju ta' ħajtu seta' jkun ta' stimolu għas-saċerdoti matul din is-sena, iddedikata lis-saċerdozju minn Benedittu XVI, u li bdiet nhar id-19 ta' Ġunju ta' din is-sena.

Li jonqos issa hija l-opinjoni definittiva tal-Kardinali u l-Isqfijiet membri tal-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin. Jekk din tkun pożittiva, il-Papa jitlob lill-Prefett tal-Kongregazzjoni, li huwa l-Arċisqof Angelo Amato, Salesjan, sabiex ixandar id-digriet tal-qdusija ta' Dun Giuseppe Quadrio, li minn dak il-waqt ikollu t-titlu ta' Venerabbli. Dan aktarx li jsir qabel l-aħħar ta' dis-sena. Sadattant, fejqan mirakoluż li ġara bl-interċessjoni tal-Qaddej ta' Alla, qiegħed jiġi investigat. Dan ġara fl-Ekwador (Amerika t'Isfel), f'post tal-missjoni jismu Zumbagua. Id-dokumenti sabiex jiġi ppreżentat dan il-miraklu ilhom sentejn jinġabru; din m'hix ħaġa dakshekk faċli f'territorju tal-missjoni.

Dun Quadrio kien magħruf għall-ħidma tiegħu fir-riċerka u t-tagħlim tat-teoloġija, kif ukoll għall-formazzjoni ta' l-istudenti tal-Fakultà Pontifiċja tat-Teoloġija Salesjana ta' Turin (Crocetta). Huwa kien ukoll dekan tal-fakultà bejn l-1954 u l-1959. Baqgħet magħrufa id-'disputa' pubblika li kien mexxa hu fit-12 ta' Diċembru 1946 fl-Università Gregorjana, fil-preżenza ta' udjenza distinta, fost l-oħrajn Mgr. Giovanni Battista Montini (li mbagħad sar Papa Pawlu VI). Dun Quadrio kien iddefenda b'suċċess il-possibiltà ta' definizzjoni dogmatika ta' tlugħ is-sema, ġisem u ruħ, ta' Marija Santissma. Erba' snin wara, matul is-Sena Mqaddsa 1950, il-Papa Piu XII, solennement iddefinixxa din id-domma Marjana.

Dun Giuseppe Quadrio miet fit-23 ta' Ottubru 1963 b'tumur qerriedi. Hu offra ħajtu għas-suċċess tal-Konċilju Vatikan II li kien beda s-sena ta' qabel.



# Fr. Fabio's visit in England

*Sr. Maria Debono FMA*

This year the Salesians in England, had the Canonical visit done by Fr.Fabio Attard SDB, in the name of the Rector Major. Fr. Fabio in the Counsellor for Youth Pastoral. He visited all the communities and the various branches of the Salesian Family here. While he was visiting the community of Cowley-Oxford, he came to see the FMA community. He also came to visit the school where I teach. During this visit he was accompanied by Fr.Kieran Anderson, Parish Priest of Cowley. When he arrived at the school, he was welcomed by the Headmistress, Mrs.Hilary Webb and by me, Sr.Maria Debono. He went round all the classes and talked to the teachers and their assistants. The children were very happy a major superior of our Congregation. It was a very quick visit but we were all very pleased to see him, since he is representing our Rector Major.





# Could God be calling Me?

**Yes!** God calls each of us to life, to wholeness, and to service. The task of the young adult is to discern what path God wants him or her to follow: marriage or religious life as a Sister, Brother or Priest. We call this the discernment process.

## 1 Pray

Spend a few moments each day in thoughtful conversation with the Lord. Ask the Lord, "Lord, what do you want me to do with my life?"

## 2 Investigate

Talk to people whose opinion you respect. Ask questions. Talk to a vocation director.

## 3 Get involved

A great way to understand how you would enjoy ministry is to get involved. The Church needs the energy of dedicated young people.

## 4 Experience

Visit religious communities, your parish or seminary. See how they live and work.

## 5 Decide

The bottom line question is, "Can I see myself as a religious, a church minister?" If the answer is yes, it is time to act.





## Vocation- a personal journey of discovery

Vocation means a 'Calling' - a personal and unique invitation from God to follow a path of personal discovery where he will guide you.

## A dream come true

In Don Bosco, our Founder, his sense of being called first hit him in his famous dream at the age of nine. He found himself surrounded by a ravening crowd of wild beasts, like some of the youngsters he knew and struggled with. He was inspired to 'shepherd them with kindness and goodness, not with blows'. He often used to say: It is not enough for youngsters to be loved; they must know they are loved.' This became his programme of life.

## Who are the Salesians?

The Salesians were founded by Saint John Bosco, an Italian priest who lived and worked in Turin in the 19th century. He dedicated his life to working for the welfare of young people. Even today, 120 years after his death, the Salesians carry on his mission to poor and abandoned young people helping them become 'Good Christians and honest citizens'.

**For more info about**
**The Salesians, contact:**
**Fr. Louis Grech SDB**
**Savio College, Dingli.**
**Tel.21454546/ 21456251.**
**louismgrech@yahoo.com**
**www. vocations.salesiansmalta.org**
**Sr. Elsa Gretter FMA**
**20,Republic Street, Victoria VCT1012**
**Tel. 21556614. fmagozo@yahoo.com**

# *Evangelisation boom in Korean Church*

If the Salesian Parish at Guro 3 Dong Church in Seoul is something to go by, evangelisation is booming in the Korean Church. Seventy one people received baptism there on Saturday 4th April, including the cook from the provincial house nearby. She is an immigrant from Manchuria. The rite of baptism was celebrated by parish priest Fr Benjamin Kim SDB.

Baptisms are held monthly at the parish, on an odds and evens basis - odd months for children and evens for catechumens. The catechumens go through the usual preparation process envisaged by the RCIA, usually in groups of 30, with the assistance of various parish ministers.

Almost every two months throughout the year, then, there are significantly large numbers of catechumens ready for baptism. Around Easter and Christmas they bring more than one group together, accounting for the 70 or so this time around. So with something like 250 new baptisms of catechumens annually, a smaller number of children, the number of baptisms per year is 300 plus. Most of the catechumens are younger adults.

The Catholic Church in Korea makes up 10% of the population and numbers around 5 million. It is estimated that annually this number increases by around 150,000.



# Testmenti



**Tista' tgħinna** fix-xogħol li aħna nagħmlu mat-tfal u maż-żgħażagħ foqra billi tiftakar fina fit-testment tiegħek jew tibgħat donazzjoni.

Huwa bil-għajnuna ta' nies bħalek li x-xogħlijiet li għandna madwar id-dinja jibqgħu jagħtu l-frott.

Il-kontribuzzjonijiet kollha, kemm żgħar u kemm kbar, huma dejjem apprezzati.

*Ibgħat il-kontribuzzjonijiet tiegħek lil:*
*Fr. Eric Cachia SDB - Amministratur tad-Delegazzjoni*
*Oratorju Salesjan, 20 Triq Karm Galea*
*Sliema SLM1935 • Tel: 2133 1447*

# Borża ta' Studju

**X'INHI BORŻA TA' STUDJU?**
**Hija somma ta' flus li tgħinna biex inħallsu parti mill-formazzjoni ta' żagħżugħ li qed iħejji ruħu biex isir saċerdot Salesjan.**

**KEMM TRID TAGĦTI BIEX TWAQQAF BORŻA TA' STUDJU?**
**Kapital ta' €600**

**JEĦTIEĠ LI BILFORS TAGĦTI S-SOMMA F'DAQQA?**
**Le. Wieħed jista' jagħtiha biċċa biċċa, tant fix-xhar jew tant fis-sena.**

**JEĦTIEĠ LI BILFORS IS-SOMMA TKUN MOGĦTIJA MINN WIEĦED BISS?**
**Le. Jistgħu jiftehmu flimkien iktar minn persuna waħda u kulħadd jagħti sehmu. Iżda min joħroġ waħdu s-somma kollha, ikun fundatur ta' dik il-Borża.**

**JISTA WIEĦED IĦALLI L-BORŻA BĦALA LEGAT WARA MEWTU?**
**Jista'. U min jagħmel hekk, jista' jikteb fit-testment: "Inħalli bħala legat lis-Salesjani ta' Don Bosco, is-somma ta' ________ għall-formazzjoni ta' żagħżugħ Malti fl-istess Soċjetà.**



**U l-Verb sar bniedem u għammar fostna,**
**U aħna rajna l-glorja tiegħu,**
**Il-glorja li għandu mill-Missier**
**bħala Ibnu l-waħdieni,**
**Mimli bil-grazzja u l-verita (Ġw.1,14)**

*Season's greetings to all our readers,*
*friends, helpers and benefactors.*